MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1618/2004

**DIX Computers Ltd.**

**vs**

**Malta Yacht Manufacturing u b'digriet tas-06 t'Ottubru 2004 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi fejn hemm indikat isem is-socjeta' konvenuta wara l-kelma 'Manufacturing' kellha tizdied il-kelma Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm80.50) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi lilha mis-socjeta' attrici.

Illi ghalkemm interpellata kemm-il darba, id-ditta konvenuta baqghet ma hallsitx.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm80.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------